DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/189

tal-10 ta' Frar 2022

li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) Fit-28 ta' Jannar 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1970 (2011) emenda l-elenkar għal persuna waħda soġġetta għal miżuri restrittivi.

(3) L-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma b'dan emendati kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

([1]) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNESS

Fl-Anness I u l-Anness III għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, l-entrata 15 hija sostitwita b'dan li ġej:

"15. **Isem**: 1: **SAADI 2: QADHAFI 3: mhux disponibbli 4: mhux disponibbli**

Titolu: mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Kmandant tal-Forzi Speċjali **Data tat-Twelid: a)** 27 ta' Mejju 1973 **b)** 1 ta' Jannar 1975 **Post tat-Twelid:** Tripli, il-Libja **Psewdonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Psewdonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Nazzjonalità:** mhux disponibbli **Nru tal-passaport: a)** 014797 **b)** 524521 **c)** Numru Libjan AA862825, maħruġ fid-19 ta' Mejju 2021, maħruġ fi Tripli (jiskadi fit-18 ta' Mejju 2029) **Nru ta' identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** il-Libja (detenut) **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 (emendata fit-28 ta' Jannar 2022, is-26 ta' Marzu 2015, it-2 ta' April 2012, l-14 ta' Marzu 2012) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar). Elenkat fis-17 ta' Marzu 2011 skont il-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni 1970 (Iffriżar tal-Assi)."